Mikelin tifel li, bħal tfal oħra, daqqa kwiet u daqqa jaqla' l-inkwiet.



Tifel li jħobb jagħmel ħafna affarijiet: jilgħab ma' sħabu, imur ħdejn il-baħar, jiekol xi ġelat jew xi pizza.





U jħobb il-kotba. Jieħu wisq gost meta, qabel jorqod, xi ħadd jaqralu storja u hu joqgħod jisma' u jimmaġina.

Imma l-aktar ħaġa li Mikelin iħobb jagħmel hi li jistaqsi. Mikelin il-ħin kollu jistaqsi.

“Għaliex fis-sajf idum ma jidlam?”



“Għaliex il-karrotti tajbin għalija?”



“Għaliex in-nemel ma jaqax meta jimxi mal-ħajt?”

